

## V

(Avviżi)

## PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5255 — TDK/Epcos)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 210/07)

1. Fit-8 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża TDK Corporation ("TDK", il-Ġappun) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll sħiħ tal-impriża Epcos AG ("Epcos", il-Ġermanja) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-31 ta' Lulju 2008.
2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriża kkonċernati huma:
  - għal TDK: żvilupp, produzzjoni u bejgħ ta' (i) materjal u komponenti elettroniċi, inklużi komponenti passivi u elettromeċċanici u (ii) medja li jirrekordaw inklużi tejsps, vidjos, CD-Rs, Minidiscs, DVDs u medja tal-ħażna tad-dejta fuq it-tejp għall-kompjuters,
  - għal Epcos: żvilupp, produzzjoni u bejgħ ta' komponenti elettroniċi, partikularment komponenti elettromeċċanici passivi.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5255 — TDK/Epcos, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1